MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2004

Citazzjoni Numru. 949/2003

**Nazzareno u Catherine konjugi Abela**
**u**
**Supreme Travel Limited**

**vs**

**Francis Catania**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi l-atturi jiggestixxu negozju ta' trasport privat;

Illi l-konvenut avvicina lill-atturi u offrielhom li jipprokuralhom xoghol ta' trasport mal-Malta Film Facilities ghal "films" li kienu ser jinhadmu f'Malta lejn l-ahhar tas-sena 2002 u sa nofs is-sena 2003;

Illi l-partijiet ftehmu illi l-konvenut jithallas is-somma ta' LM8500 (tmint elef u hames mitt lira Maltin) bhala "commission" ghall-istess xogholijiet ta' trasport li kellhom jigu prokurati ghall-atturi;

Illi dan il-"commission" fis-somma ta' LM8500 (tmint elef u hames mitt lira Maltin) thallas mill-atturi lill-konvenut permezz ta' tmien cekkijiet kopji taghhom hawn annessi u mmarkati Dok A1 sa Dok A8 it-tnejn inkluzi, u ghaldaqstant l-obbligu tal-atturi f'dana il-ftehim gie onorati fl-intier tieghu;
Illi tnejn mic-cekkijiet, u cioe dawk immarkati bhala Dok A5 u A6 inhargu mill-atturi f'isem il-konvenut Francis Catania b'valur komplessiv ta' LM1000 (elf lira Maltin) u li c-cekkijiet l-ohra, u cioe dawk immarkati bhala Dok A1, A2, A3, A4, A7 u A8 inhargu mill-atturi ghal valur komplessiv ta' LM7,500 (sebat elef u hames mitt liri Maltin) bhala l-bilanc tal-'commission' miftiehem, u li ghalhekk dawn ic-cekkijiet ta' l-ahhar ma inhargux f'isem il-konvenut, ossija l-indikazzjoni tal-beneficcjarju tac-cekk thalla "blank", dawn xorta wahda gew ikkonsenjati lill-konvenut bhala pagament ghas-saldu tal-"commission" miftiehem u in adjempjenza tal-obbligu assunt mill-atturi fil-ftehiem bejn il-partijiet;

Illi minkejja il-fatt illi l-atturi hallsu il-"commission" kollu miftiehem, il-konvenut qatt ma prokura ix-xoghol minnu promess u ghaldaqstant il-konvenut naqas milli jonora l-obbligi minnhu assunti fil-ftehim bejn il-partijiet oltre li ghamel qliegh b'qerq ta' LM8500 (tmint elef u hames mitt lira Maltin) ghad-dannu ta' l-atturi;

Illi n-nuqqas tal-konvenut li jonora l-obbligu tieghu assunt fil-ftehiem bejn il-partijiet, cioe li jipprokura xoghol ta' trasport mal-Malta Film Facilities ghal "films" li kienu ser jinhadmu f'Malta lejn l-ahhar tas-sena 2002 u fl-2003, tikkostitwixxi kundizzjoni rizoluttiva ai termini 1067 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-atturi huma tal-opinjoni illi l-ftehim bejnhom u l-konvenut ghandhu jinhall u l-konvenut ghandhu jirrifondi lill-atturi is-somma ta' tmint elef u hames mitt lira Maltin (LM8500);

Illi minhabba l-agir tal-konvenut l-atturi soffrew danni sostanzjali;

Illi ghalkemm interpellat il-konvenut baqgha inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. tiddikjara il-ftehim bejn il-partijiet huwa mahlul u dana stante illi l-kundizzjoni rizoluttiva implicita mill-Ligi sehhet peress illi l-konvenut naqas milli jonora l-obbligi minnhu assunti fl-istess ftehim;
2. tiddikjara illi l-atturi ghandhom jergu jitqeghdu fl-istess stat bhal li kieku qatt ma kien hemm obbligazzjoni da parti taghhom;
3. tiddikjara illi l-konvenut ghandu ghaldaqstant jirrifondi lill-atturi is-somma ta' LM8500 (tmint elef u hames mitt lira Maltin);
4. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM8500 (tmint elef u hames mitt lira Maltin);
5. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi;
6. tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi;
7. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linja ta' danni;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentati kontestwalment ma' din il-kawza, u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-atturi tat-23 ta’ Marzu 2004 li biha huma rriducew t-talba taghhom bis-somma ta’ erbat elef lira maltin (Lm4000) stante pagament fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-atturi tas-7 ta’ Mejju 2004 li permezz taghha huma rriducew s-sorte tal-kawza bis-somma ta' elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2500) u inoltre cedew il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba’ (7) talba taghhom;

Rat in-nota tal-konvenut tas-7 ta’ Mejju 2004 li biha huwa ammetta l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet kif ridotti peremezz tal-imsemmija zewg noti tal-atturi u li biha ukoll ammetta l-kap tal-ispejjez;

Rat in-nota l-ohra tal-atturi tas-7 ta’ Mejju 2004 li permezz taghha huma rriducew s-sorte tal-kawza bis-somma ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm1500);

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-seduta tal-20 ta’ Gunju 2004 li biha huwa ammetta r-raba (4) talba kif ridotta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Gunju 2004;

Ikkonsidrat:

L-atturi cedew il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba’ (7) talba taghhom u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talbiet;

Inoltre l-atturi permezz tal-imsemmija t-tlett noti ta’ riduzzjoni rriducew it-talba taghhom minn Lm8500 ghall Lm500;

Il-konvenut ammetta l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba (4) talbiet kif ridotti u ghalhekk fuq tali ammissjoni

dawn l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti. Il-konvenut ammetta ukoll l-kap tal-ispejjez;

Ghal dawn il-motivi :

Fuq l-ammissjoni tal-konvenut tiddikjara il-ftehim in kwestjoni bejn il-partijiet huwa mahlul u dana stante illi l-kundizzjoni rizoluttiva implicita mill-Ligi sehhet peress illi l-konvenut naqas milli jonora l-obbligi minnhu assunti fl-istess ftehim; tiddikjara illi l-atturi ghandhom jergu jitqeghdu fl-istess stat bhal li kieku qatt ma kien hemm obbligazzjoni da parti taghhom; tiddikjara illi l-konvenut ghandu ghalhekk jirrifondi lill-atturi is-somma in kwestjoni li giet ridotta ghas-somma ta’ hames mitt liri maltin (Lm500) kif jirrizulta mill-varji noti ta’ riduzzjoni tal-atturi u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) u dana bl-imghaxxijiet kollha legali sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjes kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------